MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 548/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**Giovanna Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u inrapprezentanza ta’ Hot Spot Caterers Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa Dwar il-Valur Mizjud, skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, fl-1 ta’ Awwissu 2010, bhala bejjiegh waqt il-festa ta’ Birżebbuġa, naqset jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta’ cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa

fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvisti, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dawk il-provvisti, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 ta’ l-imsemmija Skeda w l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

U aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqset jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, li taghti jew tipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Dicembru, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e), 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-partiti 1, 2, 3, 10 u 13 tat-Tlettax il-Skeda ta’ l-istess Kapitolu 406 sabet lill-appellanti hatja ta’ l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha w ikkundannatha multa ta’ tmin mitt Euro (€800), peress illi t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-27 ta’ Gunju, 2010, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata billi tiddikjara l-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u kwindi tilliberha skont il-ligi. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

a. Illi l-appellanti ma kinitx involuta w mhux hi hadet hsieb il-bejgh attwali imma l-impjegat taghha li kellu biss sittax il-sena liema haga hi rilevanti mill-aspett ta' principji kriminali;

*b.* Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost hu rilevanti li jigi ndikat li l-appellanti apparti mill-fatt li kien taht l-eta` ma kellux dik l-esperjenza ta' heffa bhal wiehed li jkun imdorri fil-mistier u li jkun ilu jaghmlu ghal snin. Illi dan qed jinghad ghax gie stabbiliet li l-impjegat kien ilu jahdem biss bejn jumejn/tlett ijiem. Illi dan nonostante ma tfissirx li l-impjegat ma kienx qed jottempera ruhu mal-ligi. Illi wara kollox jekk ix-xerrej ghazel li jitlaq 'l hemm minghajr ma ghad jistenna r-ricevuta, din ma kellhiex tigi kunsidrata kontra l-impjegat *multo magis* kontra l-appellanti meta l-impjegat kien fil-fatt qed jirregistra l-bejgh liema agir hu konfermat bhala stat ta' fatt.

*c.* Illi apparti mis-suespost, il-prosekuzzjoni tellghet bhala xhud ufficcjal wiehed biss fejn fix-xhieda tieghu ammetta li ma hax id-dettalji kollha ta' kif saret id-dinamika tal-bejgh u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jghid b'certezza jekk kif l-impjegat ha l-flus, l-impjegat kien fil-fatt qed jippancja l-bejgh kif obbligat li kellu jaghmel skond il-ligi. Illi dan il-punt krucjali kien importanti ghax l-akkadut gara fl-1 ta' Awissu 2010 u li hu impossibbli li wiehed jiftakar id-dettalji ta' kull transazzjoni u ta' kemm il-darba jkun mar bhala insepctor liema haga tohloq u holqot dubbju liema dubbju timmilita` favur l-appellanti.

*d.* Illi apparti mis-suespost hu rilevanti li jigi indikat li bhala stat ta' fatt l-attivita` ta' hafna nies kif ukoll li kulhadd kien qed jitlob biex jinqeda fl-istess hin u jhallsu u jitilqu l-hemm gie stabbilit u ammess mill-istess ufficcjal tal-VAT liema haga pero` gie skartat u mwarrab ghas-skopijiet ta' dawn il-proceduri. Illi dan l-agir kontradittorju ghandu jimmilita favur l-appellanti ghax fir-realta` l-impjegat kien qieghed jottempra ruhu mal-ligi imma ghal ragunijiet li jaf biss l-ufficcjal tal-VAT, ghax forsi l-guvnott ma kienx qed imexxi b'certa heffa minhabba nuqqas ta' esperjenza da parti tieghu, l-ufficcjal ghazel it-triq tal-akkuza bil-konsegwenzi odjerni liema haga qed isservi ta' nkiet bla bzonn anke ghall-appellanti li kienet impjegat il-guvnot u li

kontemoranjament qed ikollu jghddu minn proceduri simili ma’ din il-kawza w dan meta l-akkuzi ma avverrawx ruhhom.

*e.* Illi ta’ min isemmi li l-impjegat kien qed iservi klijent li kien tampar l-impjegat u li kien mohhu fl-ikel li ordna u kif hallas, mal-ewwel telaq l-hemm minghajr ma ghad jistenna r-ricevuta. Illi dan in-nuqqas zgur ma kienx tort tal-impjegat iktar u iktar ma kienx tort tal-appellanti. Illi li hu rilevanti hu l-fatt li kif l-impjegat ha l-flus, hu beda jippancja kif kien mitlub li jaghmel u dab ghax l-istess appellanti kienet qed tosserva biex taccerta ruhha li l-impjegat ma jippruvax jisraqha. Illi, ghalhekk, meta l-ufficcjal tal-VAT mar ikellem l-impjegat l-istess impjegat kien qed jippancja l-bejgh. Illi haga stramba hi l-fatt li dan l-aspett ma giex kunsidrat mill-Ewwel Qorti liema haga serviet ta’ haga ta’ l-iskantament sija ghal appellanti kif ukoll ghall-impjegat tagħha.

*f.* Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-posizzjoni ta’ l-appellanti hi msahha mill-fatt li mhux fl-interess taghha li ma tassigurax li jsir il-pancjar tal-bejgh ta’ oggett ta’ circa €08.85 cents fil-valur meta l-multi huma astronomici. Illi wara kollox x’interess kellha l-appellanti li ma tassigurax li jsir ir-registrar tal-bejgh meta skond il-ligi hekk kellu jsir?

*g.* Illi di piu`, x’interess kellha l-appellanti li tippermetti li jsir hsara lilha nniffisha jew lil min tkun qed thaddem thallih jaghmillha hsara? Illi fi kliem iehor l-ufficcjal tal-VAT ma kienx attent bizzejjed u/jew interpreta d-dinamika tas-sitwazzjoni b’mod żbaljata liema aġir ħolqot dubbju raġjonevoli u inkonvenjenza bla bżonn liema dubbju jimmilita favur sija l-appellanti kif ukoll l-impjegat. Illi wara kollox, l-appellanti ma kinitx involuta fil-bejgh attwali.

L-ewwelnett il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sakemm id-deċiżjoni tkun waħda li hija legalment u raġjonevolment aċċettabbli.

It-tieni mix-xhieda jirriżulta li f'jum ta' festa Malcolm Saleeb, impjegat tal-appellanti, kien qed ibigħ meta resaq tifel biex jixtri pizza ta' 0.80 Eurocents. Dan it-tifel ingħata l-pizza u ma qagħadx jistenna r-riċevuta fiskali. Malcolm Saleeb kien ilu jaħdem biss jumejn għax kien għadu kif spiċċa l-O Levels u ried jaqla' xi ħaġa tal-flus. Huwa kien għadu mhux ħafif fuq il-cash register għax kien beda jaħdem jumejn qabel. Skont l-appellanti, li kienet qed tħaddmu, Malcolm Saleeb kien il-ħin kollu jippanċja. Filfatt is-sid appellanti kienet qaltlu biex joqgħod attent u jippanċja sa lanqas oġġett għax isib lil tal-VAT fuqu f'nifs. Malcolm Saleeb spjega li huwa kien qed idur biex jippanċja r-riċevuta fiskali meta r-rappreżentant tad-Dipartiment tal-VAT ġab miegħu lit-tifel li kien telaq u qal lill-appellant joħroġ ir-riċevuta fiskali. Malcolm Saleeb qal lir-rappreżentant tal-VAT li kien qiegħed jippanċja iżda l-klijent kien leħaq telaq.

Ir-rappreżentant tal-VAT Department xehed li huma kienu qed josservaw x'kien qed jiġri minn ċerta distanza. Huma kienu waqqfu persuna li kienet għadha kif telqet minn fejn sar il-bejgħ u staqsewha għar-riċevuta fiskali. Kien imbagħad li resqu ħdejn il-counter fejn kien hemm aktar klijenti preżenti . Lis-sinjura Grech ma kinux kellmuha. Din filfatt kienet it-taxpayer reġistrata għat-taxxa.

Xehdet ukoll Giovanna Grech. Din qalet li hi kienet ordnat lil Malcolm Saheeb sabiex jippanċja kwalunkwe bejgħ. Hija xehdet li meta kien resaq tal-VAT Malcolm Saheeb kien qed jippanċja. Fil-fatt Giovanna Grech qalet dan li ġej:

*'Kien zmien il-festa jien sakemm iccaqlaqt minn ħdejh mort ingib oġġett, beda jagħtihom hu u beda jagħtihom il-bqija, imma rċevuta kien ha joħroġha hu, hu ghax waqfu il-x'jismu hawn, mar fuqu u mbagħad smajtu, qed tifhem li ma tahx ircevuta. Pero' t-tifel fil-fatt kien fejn il-cash register biex jaghtih l-ircevuta.*'

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur bid-difiża tissottometti li l-appellant filfatt ried jagħti r-riċevuta u l-Prosekuzzjoni tinsisti li Giovanna

Grech imissha ħadet ħsieb li min jaħdem magħha jkun ħafif fuq il-cash register.

Ikkonsidrat.

L-aggravji tal-appellant jistgħu jinġabru kif ġej: l-eta' ta' Malcolm Saleeb u l-appellanti Givoanna Grech ma kenitx involuta; li Malcolm Saleeb ma kellux dik il-ħeffa fuq il-cash register għax kien għadu jibda; li l-Prosekuzzjoni tellgħet xhud wieħed biss; li kien hemm ħafna nies fil-jum involut; li lMalcolm Saleeb kien qed iservi klijent li għadu żgħir u li dan qabad u telaq; li l-ammont involut kien żgħir u għalhekk ma kellhiex interess li ma tirreġistrax l-ammont; ; u l-appellanti Givoanna Grech ma kellha interess li tagħmel ħsara lilha nnifisha jew lil min kienet qed tħaddem.

Din il-Qorti fliet il-fatti kif joħorġu mix-xhieda li semgħet waqt is-seduta tal-20 ta' Ġunju 2011.

Peress li sitwazzjoni bħal ta' dan il-każ mhix unika, il-Qorti qed tirreferi għal dak li kien stabbilit f'sitwazzjonijiet simili.

**Ġurisprudenza**

Fis-sentenza taghha tal-25 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Doris Bugeja***, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet hekk:

**'Din il-Qorti ma tarax li s-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha l-appellanti kienet xi waħda straordinarja; anzi kienet sitwazzjoni li tinħoloq ta' spiss f'ċerti ħwienet. Anqas ma jista' jinghad li kien hemm xi impossibilita` li tinħareġ riċevuta skond il-ligi b'mod li l-appellanti hi ezenti mir-responsabbilta` penali. Ir-regolament 3 tal-**

**Avviz Legali 87/19971 kien ċar fil-portata tiegħu: li rċevuta**
**fiskali permezz tal-*cash register* kellha tinħareġ fil-mument li jsir il-ħlas u mhux f'xi ħin wara;altrimenti wieħed ikun qed jagħti lok għal abbuzi**
**b'dannu ghall-erarju pubbliku. Jekk l-appellanti dak il-hin**
**ma setghetx tohrog riċevuta fiskali lit-tieni klienta**
**għax il-*cash register* kien qed jintuża biex tagħmel il-kont**
**tal-ewwel waħda, hi kellha dak il-ħin ma taċċettax**
**it-tnejn u erbgħin ċenteżmu u tgħid lit-tieni klijenta**
**biex tistenna sakemm tkun f'pożizzjoni li tottempera**
**ruħha mal-ligi.'**

L-Ewwel Onorabbli Qorti rreferiet ukoll b'approvazzjoni għas-sentenza 'Il-Pulizija vs Grazio Scicluna' tat-18 ta' Marzu 2004.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, il-Qorti mhix qed tara xi differenza miċ-ċirkostanzi taż-żewġ każi li għalihom saret referenza fil-paragrafi preċedenti.

Il-Qorti qed tikkonsidra l-aggravji kollha tal-appellant. (a) M'hemmx dubju dwar l-eta' ta' Malcolm Saleeb iżda l-Qorti ma taqbilx mal-ewwel aggravju tal-appellanti għaliex Giovanna Grech kienet it-taxpayer reġistratat; (b) Din il-Qorti mhix teskludi li forsi Malcolm Saleeb ma kienx daqshekk ħafif fuq il-cash register iżda din mhux skużanti tajba biex ma tinħariġx ir-riċevuta fiskali; (ċ) Il-fatt li l-Prosekuzzjoni ppreżentat xhud wieħed ma jfissirx li hemm xi mankanza fil-provi għaliex xhud wieħed, jekk jitwemmen, huwa biżżejjed. L-uffiċjal kien ħa n-noti u wkoll jekk il-fatt ġara fl-1 t'Awwissu 2010, xorta seta' jikkonsulta r-rapport tiegħu biex jirrinfriska l-memorja.

(d) Il-fatt li kien hemm ħafna nies ma kienx skartat matul dawn il-proċeduri. Din hija sitwazzjoni li tinqala' ta' spiss waqt il-festi. Għalhekk dan l-aggravju qed ikun miċħud.

(e) Illi wkoll jekk irriżulta mix-xhieda li l-klijent kien għadu żgħir u qabad u telaq xorta kellha tinħareġ irċevuta dak il-ħin;

(f) L-appellanti tissottometti li l-ammont kien żgħir u allura ma kellhiex interess li ma toħroġx ir-riċevuta. M'hemmx dubju li l-ammont kien żgħir iżda xorta riedet tinħareġ riċevuta u din tidher li ma nħarġitx immedjatament;

(g) L-appellanti tissottometti li ma kellha ebda interess li tagħmel ħsara lilha nnifisha jew lil min qed tħaddem. Il-Qorti qieset dan l-aggravju wkoll iżda l-problema hawn qegħda li l-ġurisprudenza s'issa kienet dejjem pjuttost esiġenti fuq il-mument meta għandha tinħareġ ir-riċevuta fiskali. Din mhix kwistjponi ta' x'interess seta' kellha l-appellanti.

L-Ewwel Onorabbli Qorti qieset ukoll il-possibilita' ta' difiża taħt l-artikolu 82(1) tal-Kap 406. L-appellanti kienet fuq il-post u qed tara kollox u allura din id-difiża ma tistax tgħin lill-appellanti.

Għaldaqstant il-Qorti, għall-motivi hawn fuq espressi, ma jidhrilhiex li hemm xi raġunijiet impellenti għala m'għandhiex issegwi d-deċiżjonijiet preċedenti mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Għalhekk qed tikkonkludi li d-deċiżjoni tal-Ewwel Onroabbli Qorti kienet waħda legalment u raġjonevolment aċċettabbli.

Isegwi li din il-Qorti qed tiċħad l-appell u konsegwentement qed tikkonferma s-sentenza u l-piena mogħtija fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Giovanna Grech' fil-15 ta' Diċembru 2010.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------